MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 767/2002

**Joseph Brincat Limited**

**Vs**

**Nathalie Azzopardi**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-19 ta' Dicembru tas-sena 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas l-ammont ta' LM1787.18,0, liema ammont huwa dovut ghall-provvizjoni ta' prodotti u/jew taghmir tax-xaghar fuq talba taghha sess kif jidher mill-hawn anness dokument `A';**

**2. Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali tal-5 ta' Novembru tas-sena 2002 u bl-interessi sa mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-konvenuta, li hija ngunta ghas-subizzjoni,**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Rat in-nota tal-konvenuta datata l-25 ta' Frar tas-sena 2003 li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici;**

**Ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni tal-konvenuta tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuta Nathalie Azzopardi biex thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' elf, seba' mija u sebgha u tmenin Lira Maltin u tmintax-il centezmu, (LM1787.18,0), kif dedott fl-avviz mertu ta' din il-procedura u kif ammess kif fuq indikat, bl-ispejjez u imghaxijiet dovuti kontra l-istess konvenuta.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------